# 138. Il-Ħarba mill-Muża

Kien ili tmint ijiem magħluq ninnamra
mal-Muża, u l-versi nikteb lejl u nhar;
u fl-aħħar iddejjaqt ninnamra magħha,
ħassejt uġigħ ta' ras u f'moħħi ċpar;

U ħriġt 'il barra u tlaqt sew kif ġurnata
ħarġet sabiħa wara tmint ijiem
ta' xita u riħ u bard, u għidt ġo qalbi:
fil-ġnien ta' Sant'Anton insib ftit sliem,

Għaliex dik il-mingħula mhix se toħroġ
u tiġi wrajja ssibni ġewwa l-ġnien;
imbagħad jekk tiġi, naqbad u nkeċċiha,
ngħidilha mur, ħallini, illum għajjien.

U bdejt indur mal-masġar, rajt il-papri,
u taħt il-venda l-qsari tat-tursin;
insibha wrajja! "Ara dak il-kaktus,"
qaltli, "x'żewġ wardiet għandu ħamranin;

Ara s-sapindi jdommu l-ġawhar roża
kif tgħallmu fil-Ġappun bil-qies, bil-kejl;
ara l-oħrajn kemm għamlu lewlu aħmar,
kif raw idaħħlu l-labra tul il-lejl?"

Ma kellimthiex, u bqajt indur mal-masġar,
u tlabt lill-għajn tal-ilma fuqi troxx
naqra tas-sliem, kif kienet traxxax l-ilma
fuq il-ħut aħmar denbu tal-filoxx.

"Ara da'd-dud jittajjar fuq wiċċ l-ilma,
kemm għandu kieku taf ħajja qasira!"
Hawn hekk jiena waqajt u bist lill-Muża,
u ħarġet l-ewwel strofa ħdejn l-għadira:

"Filgħodu twieled, f'nofs inhar iżżewweġ,
fit-tlieta kellu t-tfal, fl-għaxija miet;
din hi l-ħajja tad-dudu li jittajjar
u jkemmex l-ilma qiegħed ta' ġol-wied.

“Bħalu ħajtek qasira,” qaltli l-Muża,
“għalhekk bl-inbid li ntik isker kull siegħa,
u gawdi l-bews u l-għaxqa ta’ mħabbitna:
isa ikteb l-aħħar strofa bit-tixbiha:”

“Jien għandi disgħin sena,” qal ix-xwejjaħ,
“’mma ħajti nħossha qsajra bħal tad-dud:
twelidt dal-għodu, f’nofs inhar ħadt mara,
fit-tlieta kelli t-tfal, il-lejla mmut.”

Kif ktibt l-istrofa lanqas nifs ma tatni;
“Ara l-ponsettja,” qaltli, “kemm hi ħamra!
dik kif issib il-ħajr ġo dan il-għera,
u f’dan il-ksieħ kif għandha qalb tinnamra?

Għanni ma jimportax, avolja l-għanja
ta’ ġensek fuq il-fomm ma tidwi qatt,
bħat-tin ta’ siġra mwielda f’nofs ix-xagħri
li jaqa’ kollu fl-art, ma jaqtgħu ħadd.”

“Ajma stordejtni, mur, għax ma rridx nikteb”;
’mma l-Muża baqgħet tredden, bgħattha għal xejn;
fil-bogħod ilmaħt surġent ħabib ta’ dari,
u tlaqt niġri għal ħdejh biex ngħid kelmtejn.

U qagħdna npaċpċu, ngħidu fuq l-imgħoddi,
u ngħidu fuq in-nies, bla tarf il-kliem;
il-Muża kellha ta’ bil-fors titlaqni,
u wara tmint ijiem kelli ftit sliem.

U issa tgħallimt kif għandi nagħmel meta
niddejjaq min-namur mal-poeżija
u l-Muża ma titlaqx u tiġi wrajja:
insejjaħ lis-surġent tal-pulizija!